# SKOLA PRIMARJA 'ROSA MAGRO'

# 50 Sena ta' Storja



## Ġublew tad-Deheb

(1958 - 2008)

tagħrif meħud mill-ktieb
li ħareġ għall-okkażjoni,
miktub mis-Sur Horace Merciea M.Ed

miġbur minn Saviour Tabone, kap ta' l-iskola

Sa l-1836, f'Malta u Għawdex kien hawn biss erba' skejjel mgħejjuna mill-gvern ċentrali: tlieta f'Malta u oħra fir-Rabat, Għawdex. Ix-Xewkija kienet fost l-ewwel irħula Għawdxin li bbenefikat mill-inizjattiva tal-Kanonku Pawlu Pullicino, dik li sa l-1865, jiftaħ skola primarja li tagħti tagħlim b'xejn f'kull belt jew raħal f'Malta u Għawdex. L-ewwel skola primarja għas-subien fix-Xewkija, infetħet nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 1861, l-għada li nfetħet oħra fir-raħal tax-Xagħra u oħra fl-Għarb, sentejn qabel (1859) u dik fin-Nadur (1842). Is-Surmast ta' dak iż-żmien kien is-Sur Emanuel Montanaro, mir-Rabat, Għawdex. Din l-iskola nfetħet f'dar mikrija għal dan il-għan, fi Triq Santa Katerina, fejn illum jinsab il-Każin tal-Banda Filarmonika Prekursur ta' l-istess raħal. Fl-1862 infetħet skola primarja għall-bniet fix-Xewkija f'dar mikrija mill-Gvern, din id-darba fi Triq il-Knisja. Is-Sinjorina Carmela Bonello kienet l-ewwel sinjora ta' din l-iskola. Biss il-ġenituri ma bagħtux lill-bniet tagħhom f'din l-iskola, bil-konsegwenza li wara ftit xhur din kellha tagħlaq u dawk il-bniet li ġa kienu jattendu fiha, kienu trasferiti fl-iskola tas-subien fi Triq Santa Katerina. Wieħed irid jiftakar, li dak iż-żmien, ftit kienu jħossu l-ħtieġa li jibagħtu lill-bniet l-iskola billi l-mentalità f'Għawdex ta' dak iż-żmien kienet li l-bniet posthom kien fid-dar.

Sa wara l-Ewwel Gwerra Dinjija (1918) il-qagħda ta' l-iskejjel f'Għawdex ma tantx kienet sabiħa. L-għaks u l-faqar komplew jagħmlu diffiċli lil dawk il-ftit ġenituri li kienu jibagħtu lil uliedhom l-iskola. Madanakollu, nafu li n-numru ta' tfal Xewkin li kienu jattendu l-iskola kompla jiżdied u kien hemm okkażjonijiet fejn it-tfal kellhom jistennew fuq fil-*waiting lists*. Dan kien dovut minħabba li l-Gvern ippersista fil-politika tiegħu li jikri d-djar għal skopijiet ta' skola aktar milli jibni skejjel attrezzati u mgħammra b'kollox. Fl-1919, il-Gvern reġa' kera dar oħra għat-tfal subien u bniet fix-Xewkija, din id-darba fi Triq it-Tiġrija u li kienet ikbar minn dik ta' Triq Santa Katerina. Sena wara, fl-1920, il-Gvern reġa' kera dar oħra fi Triq it-Tiġrija u l-bniet bdew jattendu fiha. Din ta' l-aħħar kellha għaxart ikmamar li kienu jservu bħala klassijiet. Fl-1937 fl-iskola tas-subien kien miżjud ħanut tax-xogħol għas-sengħa ta' masturdaxxa, l-ewwel tax-xorta tiegħu f'Għawdex.

Fl-1924, għaddiet il-liġi dwar l-attendenza ta' tfal fl-iskola. Skond din il-liġi, it-tfal kollha riedu jattendu l-iskola sakemm jagħlqu tnax–il sena filwaqt li fl-1928, l-età kienet estiża għal erbatax-il sena. Dan fisser li aktar u aktar tfal mix-Xewkija bdew jattendu l-iskejjel primarji fix-Xewkija.



Studenti fil-bidu tas-snin tmenin

Nhar it-13 ta' Diċembru, 1940, l-iskejjel għas-subien u għall-bniet fix-Xewkija kienu kkonsagrati lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. F'dik il-għodwa, it-tfal ikantaw innijiet sagri, telqu mill-iskejjel rispettivi tagħhom u ngħaqdu flimkien fil-knisja parrokkjali. L-Arċipriet ta' dak iż-żmien, Dun Anton Grima, qaddes quddiesa kantanta u sar it-tqarbin. Fl-aħħar tal-quddiesa kien intonat it-*Te Deum* u ngħatat il-Benedizzjoni. Wara nofsinhar, l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi, żar l-iskejjel u bierek xbiha tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. It-tfal kien spjegat lilhom it-tifsira tal-konsagrazzjoni ta' l-iskola lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Fl-aħħarnett, il-Banda daqqet l-innu *Christus Vincit*. Fl-1941, fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, ħamest ikmamar u l-ħanut tax-xogħol ta' l-iskola tas-subien ittieħdu mill-militar Ingliż. Dawn il-klassijiet kienu trasferiti għall-iskola tal-bniet. Fl-istess waqt, il-Gvern kien kera dar oħra fi Pjazza San Ġwann, imma din ma setgħetx tieħu s-subien li l-klassijiet tagħhom kienu ttieħdu mill-militar. Għalhekk, bdiet tkun użata s-sistema magħrufa bħal *Half Time System*. B'hekk, filwaqt li s-subien kienu jattendu l-iskola filgħodu, il-bniet kienu jmorru l-iskola wara nofsinhar fl-ewwel ġimgħa u jalternaw il-ġimgħa ta' wara. Nhar it-23 ta' Jannar, 1942, ir-raħal tax-Xewkija ntlaqat mill-qilla ta' l-għadu u bomba minnhom waqgħet f'għalqa li kienet tiġi wara l-iskola tal-bniet, fi Triq it-Tiġrija. Is-sinjora kienet is-Sinjorina Rita Chetcuti u li fis-16 ta' Settembru, 1940 kienet trasferita għal Għawdex mill-iskola tal-Kalkara. Għalkemm it-tfal, l-għalliema u l-ġenituri tagħhom ħadu qatgħa kbira, ħadd ma kien weġġa' fl-inċident. F'Ottubru ta' l-1943, il-Gvern kera dar oħra fi Pjazza San Ġwann Battista minħabba n-numru dejjem jiżdied ta' tfal.

Sa l-1946, f'Għawdex, il-Gvern kien bena tliet skejjel għat-tagħlim


Arbor day activity, 1970's

tat-tfal: fir-Rabat (1855), f'Kerċem (1923) u fin-Nadur (1932). Fl-irħula l-oħra, l-iskejjel kienu għadhom f'forma ta' djar mikrijin lill-Gvern mingħand il-privat. Ix-Xewkija ma kinitx eċċezzjoni u fl-1955, kienet mikrija dar oħra biex isservi ta' skola għall-bniet. B'kollox, in-numru ta' djar li jservu ta' skejjel fix-Xewkija kien ta' sitta: tlieta għas-subien u tlieta għall-bniet. Dan barra l-fatt li f'ħafna minn dawn id-djar kienet għadha mħaddma il-*Half Time System*.

Fl-1956, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, is-Sinjorina Agatha Barbara, żaret lir-raħal tax-Xewkija. Malli rat b'għajnejha l-iskejjel imxerrin max-Xewkija kollha tat kelma lix-Xewkin li l-Gvern kien se jibni skola moderna li kellha tilqa' fiha lit-tfal bniet u subien matul il-ġurnata, minħabba li l-postijiet li kienu jservu bħala skola xejn ma kienu adattati għat-tagħlim tat-tfal. Intgħażel l-imkien imsejjaħ *Tal-Ħamrija*. Il-perit *Joseph Huntingford* kien intgħażel biex jagħmel il-pjanta u jieħu ħsieb il-bini ta' dan il-proġett. Il-ħaddiema tax-Xogħlijiet Pubbliċi bdew ix-xogħol fuq il-bini ta' din l-iskola taħt id-direzzjoni ta' Wiġi Formosa. F'inqas minn sentejn, il-bini fuq l-iskola tlesta minn kollox u s-subien daħlu f'din l-iskola nhar it-Tnejn, 31 ta' Marzu, 1958 mingħajr ma nżammet ċerimonja uffiċjali tal-ftuħ. Is-surmast kien is-Sur Philip Vella minn tas-Sliema. Fil-15 ta' Settembru ta' l-istess sena, imbagħad, kien imiss lill-bniet biex iżanżnu l-iskola. Is-sinjora kienet is-Sinjorina Marija Calleja, minn Kerċem. L-iskola l-ġdida tax-Xewkija kienet imqassma f'żewġ sezzjonijiet: waħda għas-subien u oħra għall-bniet. Kull naħa kellha tmintax –il klassi, barra l-uffiċini, sala kbira li kienet tintuża miż-żewġ taqsimiet, toilets, klinika u librerija. In-naħa tal-bniet kellha l-*Housecraft Room* u dik tas-subien kien hemm *workshop* kbir.

Madanakollu, is-Sur Philip Vella dam iservi bħala surmast fl-iskola l-ġdida, għal ġurnata waħda biss


15 t'Ottubru 1957




għax ħa postu bħala surmast, is-Sur Joseph Vella, mix-Xewkija. Dan kien għadu kif irritorna mill-Ingilterra wara li temm kors b'suċċess dwar l-amministrazzjoni ta' l-iskejjel. Fl-ewwel sena, is-subien kienu rebħu l-kampjonat tal-futbol għall-iskejjel primarji. Is-Sur Vella dam għal dsatax –il sena f'din l-iskola. Fl-1966, huwa kiteb il-versi għall-innu ta' l-iskola filwaqt li Mro. Nazzareno Refalo mmużikahom.




Fis-17 ta' Diċembru, 1982, is-sala ta' l-iskola ġarrbet ħruq estensiv fi ħruq li żviluppa minn taħt il-palk. Kienet is-1.15pm iżda mirakolożament, ħadd ma weġġa'. Il-perit Carmelo Borg ħa ħsieb it-tiswija tal-ħsarat. Il-President tar-Repubblika is-Sinjorina Agatha Barbara nawgurat is-sala l-ġdida nhar id-9 ta' Ġunju, 1983.

Fl-1970, f'Malta għaddiet il-liġi li t-tfal kollha kellhom jibdew jattendu l-iskola fl-livell sekondarju. B'hekk riedu jinfetħu aktar skejjel. Biss ġara li billi n-numru ta' tfal fl-iskejjel primarji kien naqas sew, kien deċiż li ċerta skejjel primarji jkunu mibdula għal dawk sekondarji. Waħda minn dawn l-iskejjel kienet l-iskola primarja tax-Xewkija. Infetħet l-iskola Sekondarja San Ġużepp u li fiha bdiet tilqa' tfal subien min-naħa tal-punent ta' Għawdex fosthom, mir-raħal tax-Xewkija, Sannat, Għajnsielem, Qala u Nadur. Is-subien li kienu jattendu fl-iskola primarja tneħħew minn posthom u marru jitgħallmu fit-tieni sular tan-naħa tal-bniet. Din l-iskola sekondarja damet sas-sena 1977, meta din għalqet. Fid-19 ta' Settembru, 1978, din il-parti ta' l-iskola nbidlet f'oħra bl-isem ta' *Agricultural Training Centre* u din għalqet fl-2003. F'Novembru, 2003, din il-parti bdiet tagħmel parti mill-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u tagħmel parti mill-MCAST tax-Xagħra.

Żvilupp ieħor importanti fil-mixja edukattiva kienet dik li seħħet fl-1980, meta din l-iskola, bħal kull skola oħra f'Malta u Għawdex ma baqgħetx għas-subien biss u għall-bniet biss, iżda dawn bdew jitgħallmu ma' xulxin fl-istess klassi u jilagħbu fl-istess bitħa.

Nhar il-25 ta' Marzu, 1999, l-iskola kienet imsemmija għal Rosa Magro (1899-1968), filantropista u acting-head ta' l-iskola. Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, is-Sinjorina Magro kienet sellfet id-dar tagħha biex isservi ta' skola tal-bniet. Kien ukoll inawgurat monument f'ġieħ Rosa Magro u l-familjari tagħha ħolqu l-*Fond Rosa Magro* biex ikun jista' jingħata premju għar-rebbieħ tal-kompetizzjoni 'Rosa Magro' li ssir kull sena.

Fit-23 ta' Novembru, 2002, il-Kunsill Lokali tax-Xewkija fetaħ il-librerija pubblika tax-Xewkija. Din ħadet post il-librerija ċirkulanti li kienet teżisti fi ħdan l-istess skola. Din il-librerija issa hi mgħammra b'ħafna kotba u toffri s-servizz ta' l-*Internet.*

Nhar it-28 ta' Ġunju, 2005 kien ippubblikat dokument bl-isem *Biex Kulħadd Jirnexxi* (For All Children to Succeed). F'dan id-dokument kien propost il-ħolqien ta' Kulleġġi, fosthom, il-Kulleġġ ta' Għawdex immexxi mill-Kavallier Frank Gatt.

Bejn is-sena 2006 u 2007, l-iskola għaddiet minn xogħol estensiv ta' manutenzjoni ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex. Dan kien jinkludi installazzjoni mill-ġdid tas-sistema tad-dawl, sistemi għal kontra n-nirien, għeluq tal-kurriduri permezz ta' twieqi ta' l-aluminium, toilets ġodda barra xogħol fis-sala ta' l-istess skola, fost l-oħrajn.

B'hekk, dik l-iskola ċkejkna li bdiet fix-Xewkija fl-1861 kompliet tikber u tiżviluppa biex illum hi dik li hi. Kienu ħafna dawk in-nies, għalliema, ħaddiema u tfal li għaġġnu din l-iskola f'ħajjithom. J'Alla dak li kisbu ta' qabilna nkomplu nkattruħ għal ġid ta' wlied il-poplu Xewki.